# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 210 – Il-Tnejn 24 t'Awwissu, 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 208 ikunu approvati bħala dokument korrett.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.
Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

# PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## *Ground* tal-*Football*

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien għadu qed jistenna mingħand is-*Siggiewi Football Club* l-ispiża totali tal-proġett. Huwa se jkompli jsegwi l-każ.

## Monument Patri Ġużè Delia sj

Il-Viċi-Sindku qal li x-xogħol mal-iskultur kien miexi kif previst. Huwa qal li min-naħa tal-Kunsill irridu nagħmlu t-tibdil biex jiġi jaqbel mad-disinn attwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva l-istima tax-xogħolijet mingħand Agius Marbles Works u huwa previst li billi x-xogħlijiet huma ta' natura differenti minn xulxin, m'hemmx il-ħtieġa li joħorġu talbiet għal tliet kwotazzjonijiet. Wieħed irid jgħid li l-iskultur Camilleri kien issuġġerixxa li naħdmu ma' Agius Marbles minħabba raġunijiet ta' estetika.

Il-Viċi-Sindku qal mal-ħajt tal-iskola, minħabba raġunijiet ta' estetika, hemm il-ħtieġa li jsir xi xogħol ta' kostruzzjoni billi jittellgħu ħames filati.

## Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt kulturali (miżura 323)

Is-Segretarju qal li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex tweġiba dwar din it-talba.
Rigward il-miżura 313, is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva talba dwar kjarifika ta' xi dokumenti u li kien qed jaħdem dwarha mal-konsulent Geroge Papagiorcopulo.

## Riżoluzzjoni dwar użu tal-Fondi tal-UIF

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-twaħħil ta' dawn il-fanali kien miexi kif previst. Madankollu, inqalgħet diffikultà li billi kien hemm partijiet tat-toroq konċernati fejn il-bozoz eżistenti ma kienux jaqblu ma' dak li kienu mniżżla fuq is-*site plan*, kien hemm il-ħtieġa li jitwaħħlu aktar fanali, madwar 9, aktar mill-istima oriġinali. Dawn il-fanali ż-żejda ikollhom jitħallsu mill-*budget* tad-dawl tal-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tintlaqa'.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku staqsa x'qed isir mill-bozoz li qed jinqalgħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn qed jintrefgħu fl-i*store* ta' Bur il-Kbir, u wara li jingħataw manteniment, ikunu jistgħu jintużaw għat-talbiet li jkollna fil-futur.

## Ħruġ ta' tenders tal-Waste Collection u l-Knis tat-toroq

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-diffikultajiet li kien hemm dwar il-publikazzjoni ta' dawn it-tenders biex jiġu ippublikati fuq il-European Journal, issa ġew solvuti, u dawn iż-żewġ tenders issa se joħroġ b'effett immedjat.

## Festival tal-Inbid

Il-Kunsillier Joe Sammut informa lill-Kunsill li dan kellu jitħassar għaliex il-Ministeru tar-Riżorsi irtira mill-organizzazzjoni u billi ż-żmien kien daħal, kien diffiċli ħafna għas-sottokumitat biex ikompli jorganizzah waħdu.

Is-Sindku ippropona li għas-sena d-dieħla dan il-festival jidħol fil-qafas tal-attivitajiet tal-Kunsill u jsir kemm pjan organizzativ kif ukoll pjan finanzjarju.
Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Mozzjoni dwar it-Tindif tal-Irdumijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv informalill-Kunsill li r-rapport tal-espert imqabbad mill-MTA dwar il-proġett kien tlesta u kienet se ssir it-talba konġunta lill-Gvern Ċentrali għall-Fondi Speċjali.

## Bankina fi Triq Dun Anton Vella

Is-Segretarju qal li f'seduta oħra kien se jippreżenta evalwazzjoni kompleta ta' talbiet għal tiswijiet ta' bankini biex b'hekk ikollna stampa ċara tal-ħtiġijiet għal dan ir-rigward.

## PA 7823/06 Construction of 17 Dairy Cattle Farms and Manure Clamp at Siggiewi

Is-Sindku qal li billi hu bħala Perit għandu żewġ applikazzjonijiet fil-qrib ta' dan is-sit qal li kien se jastjeni mid-diskussjoni dwar din il-materja. B'riżultat ta' dan huwa ħareġ mis-sala u l-laqgħa tkompliet taħt it-tmexxija tal-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina.

Il-Viċi-Sindku qal li hu flimikien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Frank Ellul marru l-MEPA jaraw il-files konċernati. Issa inbidel il-qjies kif ukoll il-post minn dak oriġinali kif ukoll in-numru ta' rziezet li niżel għal 12. Huwa qal li għal darb'oħra għandna niktbu lill-MEPA u nirriżervaw id-dritt li nagħmlu r-rappreżentazzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem. Huwa qal li għandha titqassam siteplan ta' fejn se jsiru dawn l-irziezet lill-Kunsilliera kollha biex ikollhom idea ta' fejn hu ippjanat li jsir dan il-proġett.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### Diskussjoni dwar il-Festa ta' San Nikola 2009

F'dan l-istadju, is-Sindku reġa' daħal fis-sala u beda jmexxi mill-ġdid is-seduta.

Rigward din il-materja huwa ippropona li din tiġi diskussa f'seduta oħra.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### Talba tal-Kunsill Lokali Dingli rigward Għar il-Kbir

Il-Viċi-Sindku qal li hu għandu jħejji pożizzjoni li għandu jieħu l-Kunsill dwar din il-materja, u tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

## FINANZI

### Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:

Voti Favur: 6

Voti Kontra: 0

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

## ILMENTI MILL-PUBBLIKU PREŻENTI

F'dan l-istadju s-Sindku ippropona li jissosependi s-seduta biex jisma' l-ilmenti ta' individwi preżenti fis-sala.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Wara li tkompliet is-Seduta, is-Sindku qal li rigward il-kas tas-sur Robert Pace ta' Triq il-Qiegħa, kif ukoll il-kas tas-sur Joseph Falzon u Ms Mandy Azzopardi: fl-ewwel kas għandna nikkomunikaw mat-

Traffic Management Unit u fl-laqgħa mas-sur Pace issir proposta għal soluzzjoni. Jintbagħat komunikat lill-ġirien li din il-proposta tiġi diskussa fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

Fil-kas ta' Sqaq nmru 1, Triq San Ġakbu (Joseph Falzon u Mandy Azzopardi), għandu wkoll jintalab il-parir tat-Traffic Management Unit biex tiġi żblokkata soluzzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li jikkomunika mat-Traffic Management Unit.

# KORRISPONDENZA

## Kompetizzjoni Premju għal-Lokalità l-aktar nadifa

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien applika għal din il-kompetizzjoni peress li l-korrispondenza wasslet fl-4 t'Awwissu u ridna napplikaw sat-Tnejn 10 t'Awwissu, 2009.

Is-Sindku qal li għandu jitwaqqaf sotto-kumitat magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Kunsillier Jesmond Tanti, il-Kunsillier Joseph Sammut u l-Works Manager biex jistudja u jesegwixxi dawk l-inizjattivi li jidhirlu li għandhom jittieħdu.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Ftuħ tal-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza dwar il-materja li tirrigwardja l-ftuħ tal-Kunsilli Lokali nhar ta' Sibt bejn it-8:00am u l-11:30am. Jekk l-impjegati, tgħid il-memo 46/2009 jirrifjutaw li jaħdmu s-Sibt, m'għandha ssir l-ebda pressjoni fuqhom u l-Kunsill ikollu d-dritt li jimpjiega persuna fuq bażi *part-time.*

Huwa kompla jgħid li meta avviċina lill-impjegati, dawn qalu li mhumiex interessati li jidħlu.

Is-Sindku staqsa jekk persuna waħda hux se tkun biżżejjed. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jidhirlu li jkun hemm il-ħtieġa ta' tnejn.

Il-Viċi-Sindku qal li marbuta ma' din is-sitwazzjoni rridu nsolvu l-kas tal-Customer Care. Huwa wera l-fehma li meta noħorġu l-applikazzjoni, nbiddlu l-kundizzjonijiet tal-Customer Care Officer li tkun tista' tagħmel ix-xogħol li jagħmlu l-iskrivani l-oħrajn.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jiċċekkja liema grade huwa Customer Care Officer.

Is-Sindku qal li rridu nagħmlu żewġ sejħiet, waħda tal-Customer Care Officer li jkollu wkoll l-obbligu li s-Sibt tagħmel ix-xogħol ta' skrivana u l-oħra ta' skrivan/a part-time minħabba s-Sibt.

Il-Viċi-Sindku issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## *Bring-in site* fi Triq Dun Manwel Zammit

Is-Sindku qal li s-sur Ian Sammut qed jgħid li l-*bring-in site* li hemm fl-imsemmija triq hija illegali u għalhekk għandha titneħħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'Marzu 2007 kien kiteb lil *Wasteserv* biex dawn jiċċaqal aktar 'l isfel. Il-*Wasteserv* kienet wieġbet li ma taqbilx li għandu jittieħed dan il-pass. Barra minnhekk, jidher li din il-*bring-in site* saret bil-permessi neċessarji.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat il-korrispondenza rilevanti lis-sur Sammut.

# KUNTRATTI

## Patching Works LCS39/09

Is-Sindku qal li fuq bażi li l-offerta tas-sur Nicholas Farrugia hija l-irħas waħda, din għandha tkun l-offerta milqugħa.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsillier qabel b'mod unanimu.

## Supply, delivery and installation of a grid connected Phtovoltaic System – LCS 04/09.

Is-Sindku qal li kienu daħlu 11-il offerta. Il-fatt li l-ewwel waħda dik ta' BT Commercials ma kellix *bid bond* għandha tiġi esklusa.

Huwa ippropona li għandna naħtru engineer li jagħmel rapport lill-Kunsill dwar l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta u jħejji rapport bir-rakkomandazzjoniet tiegħu sa seduta oħra. Huwa qal li kien qed jipproponi lill-Engineer Emanuel Briffa.

Il-Viċi Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# MOZZJONIJIET

## PA/01129/09 – Construction of Tower to accommodate traffic control radar

Il-Viċi Sindku qal li kienet inġibditlu l-attenzjoni dwar applikazzjoni quddiem il-MEPA għal kostruzzjoni ta' torri fil-Fawwara biex fih jiġi akkomodat radar tal-kontroll tat-traffiku. Jidher li din l-applikazzjoni qed issir mill-MIA . Huwa kompla jgħid li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Perit Frank Ellul raw il-files tal-MEPA u għalhekk kien qed iressaq mozzjoni b'urġenza dwarha.

F'dan l-istadju s-Sindku qal li kien żball meta waqafna nibgħatu ittra ta' riżerva lill-MEPA kull meta tasal il-Kunsill applikazzjoni ta' żvilupp u ippropona li din tibda' terġa' tintbagħat.
Il-Viċi-Sindku issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-mozzjoni tgħid:

**Billi jirriżulta li l-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA) irċeviet u qegħda tipproċessa applikazzjoni bin-numru PA 01129/09 deskritta bħala *'Construction of tower to accomodate traffic control radar';***

**U billi l-imsemmija applikazzjoni tirreferi għal sit deskritt bħala li jinsab il-Fawwara, limiti tas-Siġġiewi;**

**U billi jidher li l-iżvilup propost huwa wieħed li se jkollu impatt negattiv fuq l-ambjent tal-madwar u diversi bdiewa u persuni oħra diġà esprimew it-tħassib tagħhom dwar dan l-iżvilupp propost;**

**Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn, 24 t'Awwissu 2009:**

**Jirriżolvi li formalment joġġezzjoni mal-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward ta' l-iżvilupp propost fl-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 01129/09 minħabba li dan huwa inkompatibbli mal-ambjent tal-madwar u jekk jitħalla jitwettaq ikun ta' detriment kbir għall-istess ambjent;**

**Jirriżolvi ukoll li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tiċħad l-imsemmija applikazzjoni, inkluż iżda mhux biss, billi jagħmel rappreżentazjonijiet ulterjuri, u jadotta kwalunkwe proċedura oħra li tipprovdi l-liġi f'każ li l-applikazzjoni tiġi aċċettata u jinħareġ permess biex isir l-iżvilupp propost.**

**Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Minsitru Dr Lawrence Gonzi, liċ-Chairman tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), is-Sur Austin Walker, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, lill-għaqdiet kollha non-governattivi li għandhom bħala l-għan tagħhom il-ħarsien tal-ambjent, bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.**

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.
Il-Mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

## Mozzjoni dwar kampanja għarfien dwar bini li jixraq li jkun skedat

Il-Viċi-Sindku qal li kienet inġibditlu l-attenzjoni dwar il-lista ta' bini skedat mill-MEPA u għalhekk kien se jressaq din il-mozzjoni:-

**"Billi fil-lokalità tas-Siġġiewi jeżistu zoni, bini, strutturi u fdalijiet li jikkwalifikaw u li jixraq li jiġu skedati għall-konservazzjoni mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skond kif tipprovdi l-liġi;**

**"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi għandu jippromwovi l-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' propjetà li tifforma parti mill-identità tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin;**

**"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn, 24 ta' Awwissu 2009:**

**"Jirriżolvi li jniedi kampanja ta' għarfien pubbliku fost ir-residenti tas-Siġġiewi sabiex l-istess residenti jindikaw lill-Kunsill Lokali Siġġiewi zoni, bini, strutturi u fdalijiet li jixraq li jkunu skedati u dan billi fost l-oħrajn fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi tingħata imformazzjoni dwar liema propjetà tista' tiġi skedata għall-konservazzjoni flimkien ma' appell għall-informazzjoni mir-residenti stess;**

**Jirriżolvi wkoll li joffri lir-residenti għajnuna fit-tħejjija ta' *site plans* u/jew il-preparazzjoni ta' informazzjoni li sservi sabiex il-Kunsill Lakali Siġġiewi jidentifika u jiddokumenta propjetajiet li għandhom jiġu skedati għall-konservazzjoni;**

**"Jirriżolvi wkoll li sal-aħħar ta' Diċembru 2009 iħejji lista ta' propjetajiet fis-Siġġiewi u jagħmel talba lill Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex l-istess propjetajiet jiġu inklużi fil-lista ta' propjetà skedata skont l-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.**

**"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said, liċ-Chairman ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), is-Sur Austin Walker, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, lill-għaqdiet kollha non-governattivi li għandhom bħala għan tagħhom il-ħarsien tal-wirt storiku, bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ippubblikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."**

Is-Sindku Robert Musumeci issekonda.

Meta bdiet id-diskussjoni il-Kunsillier Nikol Cassar staqsa lil Viċi-Sindku jekk jafx dwar il-ħarba mabjentali li teżisti fis-Siġġiewi. Huwa qal li sentejn ilu kien ġab ilment dwar il-ħmieġ u l-ġrieden li hemm jiġru fi Triq San Ġwann, u kien talab li jitla' ċint skont kif kienet qed tesiġi l-MEPA, iżda minn dak lil hawn, ma ġara xejn.

"Fejn jidħol l-ambjent, min hu b'saħħtu jagħmel li jrid u min hu żgħir lanqas tieqa żgħira ma jista' jiftaħ. F'din il-mozzjoni qed titlob lin-nies biex dawn jidentifikaw postijiet li huma skedati. Dan meta n-nies lanqas jiġu l-Kunsill biex jagħmlu rapport li jkun qed jolqot lilhom personali, aħseb u ara kemm se jsemmu ismijiet ta' djar tan-nies. Naħseb li din hija strateġija tal-Viċi-Sindku biex jilħaq l-iskopijiet tiegħu," kompla jgħid il-Kunsillier Cassar.

Is-Sindku qal li jidhirlu li dan ma jorbotx mal-ispirtu ta' din il-mozzjoni. L-iskop jidher li l-Kunsill jevalwa s-sitwazzjoni tal-bini ta' madwarna u jekk hemm siti li jimmeritaw li jiġu skedati għal skop ta' konservazzjoni, il-MEPA tiġi infurmata b'dan.

"Ejjew ningħaqdu f'dan l-isforz biex nelenkaw din il-lista," appella is-Sindku.

Il-Viċi-Sindku qal li jiċħad bil-qawwa kollha li kellu xi skop ulterjuri meta ressaq din il-mozzjoni ħlief il-ġid tas-Siġġiewi.

Is-Sindku ippropona li għandha tittieħed votazzjoni bl-eżitu jkun:

Favur: (4) Is-Sindku Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina, il-Kunsilliera Dr Mark A. Vassallo u s-sur Joseph Sammut.

Kontra: (2) il-Kunsilliera s-sur Nikol Cassar, u s-sinjura Rita Psaila.
Astensjoni: (1) Il-Kunsillier Jesmond Tanti.

# ĦWEJJEĠ OĦRA

## *Bus shelters*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill jaslulu diversi ilmenti dwar in-nuqqas ta' bus shelters fi Triq il-Għid u Triq Mons Mikiel Azzopardi. Minkejja numru kbir ta' tentattivi biex jintlaħaq ftehim mal-*Faces Ltd* biex isiru minn din il-kumpanija, għad ma sar xejn. Wieħed irid iżomm f'moħħu li issa li riesqa x-xitwa, dan in-nuqqas joħloq inkonvenjent kbir lili dawk li jużaw it-trasport pubbliku.

Is-Sindku ippropona li ssir stima tax-xogħol, isir permess mal-MEPA, toħroġ tender pubblika billi hu stmat li dawn jiġu jiswew madwar €9,000,  u ssir talba biex dawn isiru mill-fondi speċjali offruti mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Ħarġiet f'Reggio u fi Sqallija

Il-Kunsilliera Rita Psaila infurmat lill-Kunsill li s-sotto-kumitat tagħha kien se jorganizza żewġ ħarġiet, waħda ta' jum għal Sqallija u l-oħra ta' erbat'ijiem għal Reggio. Dawn l-attivitajiet għall-familji huma *self-financing* u għalhekk mhux se jaffettwaw il-fondi tal-Kunsill.

# GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara din is-seduta bħala magħluqa fl-10.00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis 24 ta' Settembru, 2009.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum il-Ħamis, 24 ta' Settembru, 2009